Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAT-TNEJN U SITTIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 10 ta' Awissu 2011 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.00pm |

**KULHADD KIEN PREZENTI U FIL-HIN HLIEF ID-DOTT. LUISA GAUCI BALUCI LI KIENET MA JIFLAHX.**

**Prezenti:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| SKUZATA | Dott. | LUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | NORBERT PACE |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**Is-Seduta giet immexxija mis-Sur Stefan Cordina, Sindku. Is-Sur Mark Anthony Spiteri kien ghadu ma wasalx ghal-laqgha meta bdiet is-seduta.**

## 1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI

Is-Sur Cordina saqsa jekk hemmx xi korrezzjonijiet fuq il-Minuti. Saret korrezzjoni fuq item imressaq mis-Sur Alfred Zammit rigwardanti tiswija ta' bankina li flok hdejn il-flats riedet tigi hdejn il-Banka tal-Lottu fi Triq il-Pitkali. Wara li saret din il-korrezzjoni il-Minuti ghaddew bhalha moqrija. Is-Sur Spiteri dahal f'dan il-waqt u ntalab jekk ghandux korrezzjoni. Ma saret l-ebda korrezzjoni ohra.

## 2. KORRISPONDENZA

🗁 Korrispondenza minghand TM rigward il-bankina ta' quddiem il-G&G Supermarket. Ghandha tintbaghatlu ittra sabiex il-bankina tigi ri-integrata fi zmien xahar.

🗁 Proposti rigward progetti ambjentali. Is-Sur Ralph Cassar ressaq tlett proposti li gew accettati flimkien mal-proposta li jigi sottomess il-progett taz-Zghazagh li ma rebahx rigward dwal solari u Wi-fi fi Gnien il-Palma. U saqsa wkoll jekk qed isir sforz mill-Kunsill sabiex jinbildlu lampi qodma fil-gonna ghall-LED's. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li diga' ngab xi materjal direttament minn barra vera rhis. Nfatti nxtraw 5 LED's ghal Gnien il-Kunsill u minnhom inbidlu tlieta li kienu maqtughin. Jonqos tnejn ohra li ha jinbidlu kif dawn imorru. Dawn il-proposti gew milqugha.

Is-Sur Bonnici f'dan il-mement ressaq proposta sabiex jekk din is-sena jekk ghandu jsir xi haga ghal zmien il-Milied, bhall-Bazaar tas-sena l-ohra, dan ghandu jsir taht tinda fil-Pjazza. Is-Sur Spiteri qal li ahjar ma jsir xejn simili din is-sena u minflok inkunu iktar kreattivi b'inqas spejjez anka minhabba li jkunu bosta l-attivitajiet f'dan il-perjodu u wiehed ma jridx jezagera. Dan l-item ha jigi diskuss iktar il-quddiem meta jkun wasal iz-zmien.

🗁 Ittra minghand Scuola di Pallavolo rigward ghajnuniet sabiex jizdied l-isports fir-rahal u ssir iktar partecipazzjoni f'dan l-isports. Il-Kunsill qabel li jiehu hsieb il-promozzjoni u t-trasport lejn in-Naxxar u lura dejjem jekk ikun hemm konkorrenza.

🗁 E-mail minghand Silvio Frendo rigward xi punti tal-Management Letter tas-Sur Norbert Pace. Is-Sur Frendo tenna li fejn jidhlu attivitajiet il-Kunsill ghandu jimxi mal-proceduri cioe' li tohrog sejha ghall-offerti u jekk il-Kunsill jara li l-hlas mitlub hu eccessiv ghandu jfittex lil xi hadd iehor. Rigward l-Onorarja tas-Sindku il-Kunsill ghandu jimxi ma' Memo 7/2011.

🗁 Memo 66/2011 Skema ta' Ghajnuna Finanzjarja ghal Titjib fi Playing Fields Ezistenti. Is-Segretarju Ezekuttiv issuggerit li jsir bdil fi Gnien l-Istazzjon minhabba li l-bandli ezistenti mhumiex konformi mal-istandard u li tintefa' applikazzjoni separata sabiex isir l-Open Air Gym fi Gnien Hal-Warda.

🗁 Premju Anzjan tas-Sena – Gew suggeriti zewg ismijiet Carmen Attard u Tony Borg. Qabel ma dawn jigu nominati ghandu jigi ccekkjat jekk in-nomini humiex konformi mal-kundizzjonijiet.

🗁 E-mail minghand Saviour Debono rigward l-Objection ghat-Tender ALC08/10 – Gbir ta' Bulky Refuse fejn hu nfurmana li l-oggezzjoni min-naha ta' Dimbros ma gietx milqugha.

🗁 E-mail minghand Edith u Michael Boffa rigward sponsorship ghall-lezzjonijiet ghall-Zghazagh bejn it-12 u s-16il-sena, li b'kollax se jiswew €900 fuq edukazzjoni informali sabiex titkabbar il-kreattivita'. Minhabba li l-ispiza hi kbira mhux hazin il-Kunsill ma setax jilqa' din it-talba pero' lest jikkunsidra l-organizzazzjoni ta' lezzjonijiet ohra li l-ispiza taghhom tkun moderata jew tal-istess b'inqas spiza.

🗁 E-mail minghand is-Sinjorina Elizabeth Mallia rigward ghajnuna finanzjarja sabiex jittella' l-Kuncert Kulturali Festa 2011. Din it-talba ma gietx milqugha.

**3. RAPPORTI – XOGHOLIJIET LI GHADDEJJIN BHALISSA**

Is-Sur Cordina nfurma l-kunsaill li x-xoghol fuq Gnien Hal Warda beda, kif ukoll ix-xoghol fuq is-CCTV fi Gnien Misrah Kola. Is-Sur Cassar propona li tintbghat ittra l-MEPA sabiex jinbidlu s-sigar tal-Eucaliptus. Is-Sur Cordina qal ukoll li hemm problema bl-LED's taz-zebra crossings ta' Triq il-Mosta u Triq il-Pitkali imma l-kuntrattur ha jirrangahom mill-aktr fis possibbli. Is-Sur Cordina ta rendikont ukoll fuq l-andament tal-organizazzjoni tal-Festival tac-Ceramika, liema xoghol kien miexi b'ritmu tajjeb u jittama li sal-10 ta' Settembru kollox ikun lest u jmur sew. Kien jonqos xi dettalji minhabba li kien ghadu mhux infurmat fuq il-ftuh tal-Esebizzjoni u fuq is-Seminar tat-8 ta' Settembru, imma suppost kollox kien miexi sew. Hu qal li ha jintbaghtu dettaji ta' kull attivita' iktar 'l quddiem. Is-Sur Mark Spiteri fakkar f'bozza maqtugha fuq id-dar tieghu 'San Guzepp'.

**4. MANAGEMENT LETTER - RISPOSTA TAS-SINDKU**

Is-Segretarju Ezekuttiv qrat il-Management Letter. Is-Sur Pace talab li ssir korrezzjoni zghira minhabba li hu kien diga' tenna li f'Memo7/2i011 jintqal li min diga' alloka l-fondi jista' jaghzel jew li jirritoranahom buona volonta' tieghu u kif jixtieq hu jew dawn jigu rifuzi kollha meta s-sitwazzjoni tigi rizolta. Ha ssir il-korrezzjoni ghada u tinghata lis-Sur Pace sabiex tigi ffirmata.

**5. APPROVAZZJONI HLASIJIET GUNJU - LULJU**

Gew approvati u ffirmati l-hlasijiet ta' Mejju.

**6. FESTIVAL TAC-CERAMIKA**

Dan l-item gie diskuss.

.

**7. MEMOS/SKEMI**

Dan l-item gie diskuss.

**8. PUNTI MQAJJMA**

Is-Sur Pace ressaq dan il-punti:

- Li nirrispondu l-ittra li dehret fl-Orizzont bl-isem ‘Is-Sindku tar-Rampi’. U qal li xtaq jirrispondi hekk ’Naghmel riferenza ghall-ittra li dehret fil-gurnal tieghek nhar il-21 ta’ Lulju 2011 u nirrispondi biss billi nghid lis-Sur Editur li qabel ma jippubblika xi ittra l-ewwel jivverifika l-fatti minhabba li tali ittra mimlija inezattezzi.’
- Ressaq ilment li l-Funtana tal-Ghajn tal-Bhejjem ma tahdimx.  Is-Sur Cassar qal li l-bierah bil-lejl ghadda u kienet qed tahdem. Is-Segretarju spjegat li din kienet qed tahdem bit-timer u allura mhix qed tkun mixghuela l-hin kollu.

Is-Sur Cassar ressaq dan il-punti:

- Proposta ghal Volleyball. Dan l-item gie diskuss.
- Fakkar fuq il-bicycle racks hdejn Hal Warda u Nicholsons, hdejn l-istages.
- Li faccata taz-Zodiac l-istage Warda ghadu bla bank.
- Saqsa meta ha tibda l-54? Din ghandha tibda mill-11 ta’ Settembru 2011.
- Li l-linja 202 ghandha tieqaf fl-istages ta’ H’Attard la wara kollox qed tghaddi mir-rahal.

Is-Sur Zammit ressaq dan il-punti:

- Kif ma giex infurmat fuq l-ghotja ta’ flus lill-librerija. Is-Segretraju Ezekuttiv spjegat li hi kienet mistiedna jew il-Librara.  Li gara hu li peress li l-Librara ta’ H’Attard taqdi wkoll il-Gudja nqassmu u is-Sinjura Zammit attendiet ghan-nom tal-Gudja filwaqt li hi attendiet ghan-nom ta’ H’Attard.  Fil-fatt huma l-librara li huma nkarigati mix-xiri ta’ kotba filwaqt li fakkret li kull invit jinghadda skond min ikun mistieden.
- Talab li jigi miftiehem l-ilbies ghall-kuncert tat-12 ta’ Awissu u li tigi kkonfermata l-attendenza bin-nisa.
- Talab sabiex jigi mghejjun Joe Mifsud ft-talba ghar-Reseved Parking tieghu fi Triq il-Pruna.

.

Is-Sur Spiteri ressaq dan il-punti:

- Jigi nfurmat is-Surmast rigward is-Sibt u l-uzu tal-Courtyard sabiex isir il-loghob tal-Basektball. Il-Kunsill Lokali se jixtri *basketball rings* ghall-uzu tal-kommunita’.
- Titnaddaf l-area zdingata ta’ hdejn Gnien il-Kunsill.

Is-Sur Bonnici ressaq dan il-punti:

- Li t-Traffic Lights ta’ hdejn l-iskola mhumiex jahdmu sewwa.
- Tittranga bicca bankina fi Triq l-Imdina. Ghandha tintbaghat ittra lill-TM.
- Fakkar sabiex is-sound tal-kazin tal-Labour ghal waqt il-granet tal-Festa ma jkunx gholi minhabba li s-sena l-ohra spicca bil-Pulizija. Is-Sur Cordina nfurma lis-Sur Bonnici li ga nfurma lil kulhadd b’kollox u mhux suppost ikun hemm problemi.

**9. AGGORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.00pm ghas-7 ta’ Settembru 2011.

_______________________ Sindku

____________________ Data